# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **756/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1035/2021 fl-ismijiet:**

**RAYMOND AZZOPARDI (KI 327177M) U**
**PAUL AZZOPARDI (KI 157973M)**

**VS**

**RAYMOND MIFSUD (KI 22965M)**
**MIKHAIL-SAM MIFSUD (KI 31295G) U**
**BRIAN GATT (KI 107595M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Brian Gatt magħmula ai termini tal-artikoli 836(1)(b), (d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1035/2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar id-disgħa (9) ta' Lulju 2021, Raymond Azzopardi u Paul Azzopardi talbu illi jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' Raymond Mifsud, Mikhail-Sam Mifsud u Brian Gatt, u dan in kawtela tal-kreditu ta' mija u ħdax-il elf Ewro (€111,000), b'riserva għal imgħax u spejjeż, rappreżentanti frodi allegatament imwettqa mis-sekwestrati a skapitu tas-sekwestranti u flejjes imħallsa mis-sekwestranti b'rabta ma' xiri ta' baqar;

3. Din il-Qorti laqgħet it-talba tas-sekwestranti biex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif rikjest (mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1035/2021) nhar id-disgħa (9) ta' Lulju 2021 stess;

4. B'rikors preżentat nhar it-tnejn (2) t'Awwissu 2021, is-sekwestrat Brian Gatt talab lil din il-Qorti sabiex: (a) tisma' r-rikors b'urġenza ai termini tal-Artikolu 836(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) tordna t-tħassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1035/2021 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ jew parzjali fil-konfront ta' Brian Gatt, ai termini tal-artikolu 836(1)(b), (d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (c) tikkundanna lis-sekwestrati sabiex iħallsu penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12 ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (e) tiddikjara lis-sekwestranti responsabbli għal danni illi Brian Gatt ġarrab minħabba l-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' sikwestru, tillikwida d-danni hekk sofferti u tikkundanna lis-sekwestranti jħallsuhom ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (f) f'każ illi t-talbiet magħmula ma jiġux milqgħuha, torbot lis-sekwestranti bl-għoti ta' garanzija suffiċjenti għall-ħlas ta' penali li tista' tkun imposta jew għall-ħlas  tad-danni u mgħax li Brian Gatt jista' jġarrab, ai termini tal-Artikolu 838A tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Permezz ta' risposta preżentata nhar is-sebgħa (7) ta' Settembru 2021, Raymond Azzopardi u Paul Azzopardi opponew għat-talba ta' Brian Gatt sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1035/2021 jiġi

revokat fil-konfront tiegħu, u dan għaliex: (a) kien Brian Gatt illi ntroduċa lill-partijiet, u għalhekk kien parti mill-frodi li twettaq a skapitu tal-esponenti; (b) ma nġabet l-ebda prova minn Brian Gatt ta' xi bidla fiċ-ċirkostanzi minn meta nħareġ l-att kawtelatorju għal meta ġie ntavolat ir-rikors odjern, ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12; (c) lanqas inġabet prova minn Brian Gatt illi kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ai termini tal-Artikolu 836(1)(f); (d) ir-rekwiżiti li teħtieġ il-liġi sabiex i-Qorti tkun tista timponi multa fuq is-sekwestranti ma jissussistux; (e) ma ġiex pruvat minn Gatt illi huwa qiegħed iġarrab xi danni u interessi ta' natura kwantifikabbli.

**Fatti tal-Każ**

6. Minn eżami tal-atti preżentati, jidher illi l-vertenzi bejn il-partijiet fil-każ odjern jirrigwardaw negozju bejn il-partijiet. Is-sekwestranti jgħidu fir-risposta tagħhom illi huma ftehmu mas-sekwestrat Mikhail-Sam Mifsud sabiex jixtru numru ta' baqar mingħandu, u dan tramite Brian Gatt, illi introduċa lill-partijiet flimkien. Sabiex jixtru dawn il-baqar, is-sekwestranti għaddew is-somma komplessiva ta' mija u ħdax-il elf Ewro (€111,000), iżda, ta' din is-somma, is-sekwestranti qed jallegaw illi ma ħadu xejn. Kien għalhekk illi s-sekwestranti talbu u ottjenew il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 756/2021, illi fl-atti tiegħu ġie ntavolat ir-rikors odjern, sabiex jikkawtelaw id-dritt tagħhom fuq il-kreditu ta' mija u ħdax-il elf Ewro (€111,000), liema somma s-sekwestranti qed jindikaw bħala waħda illi tirrappreżenta frodi mwettqa mis-sekwestrati a skapitu tas-sekwestranti, u flejjes imħallas mis-sekwestranti lis-sekwestrati b'rabta ma' xiri ta' baqar[1]. In oltre, ġiet intavolata wkoll mis-sekwestranti l-kawża fl-ismijiet ***Raymond Azzopardi et vs Raymond Mifsud et*** (Rik Ġur Nru 66/2021 SG)[2];

---

[1] Vide l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju immarkat bħala **Dok A** anness mar-rikors ġuramentat anness mar-rikors odjern

[2] Vide rikors ġuramentat anness mar-rikors odjern

7. Mill-banda l-oħra, is-sekwestrat Brian Gatt qiegħed jiċħad illi b'xi mod jew ieħor kien involut f'xi frodu jew negozjati b'rabta ma' xiri ta' baqar, u, konsegwentement, jibbaża r-rikors tiegħu fuq l-argument illi l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* ġustifikat fil-konfront tiegħu.

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrat Brian Gatt**

8. Din it-talba għal revoka ġiet magħmula ai termini:

   a. tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*;

   b. tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*; u/jew

   c. tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

9. Ir-rikorrent ibbaża t-talba tiegħu fuq ir-raġuni illi huwa ma kien bl-ebda mod involut f'xi frodi jew negozjati b'raba ma' xiri ta' baqar, u għalhekk qiegħed isofri preġudizzju bla bżonn u mingħajr raġuni valida, għaliex l-ammont mitlub mhux *prima facie* ġustifikat fil-konfront tiegħu;

10. Minn barra r-revoka parzjali tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, ir-rikorrent talab ukoll illi jiġu imposti penali kontra s-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, likwidazzjoni u ħlas ta' danni ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kap 12, u, alternattivament, fil-każ illi t-talbiet tiegħu ma jintlaqgħux, l-għoti ta' garanzija suffiċjenti għall-ħlas ta' penali li tista' tkun imposta jew għall-ħlas ta' danni u mgħax illi l-esponenti jista' jġarrab, ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12.

**Risposta għat-Talba għal Revoka minn Raymond Azzopardi u Paul Azzopardi**

11. Mill-banda l-oħra, b'risposta preżentata nhar is-sitta (6) ta' Settembru 2021, is-sekwstranti laqgħu għat-talbiet tar-rikorrenti billi saħqu illi:

    a. Fir-rigward tar-raġuni għal revoka ai termini tal-**Art 836(1)(d)** tal-Kap 12: Għalkemm huwa minnu illi l-ftehim sar bejn is-sekwestranti u Mikhail-Sam Mifsud, kien Brian Gatt illi ntroduċa lill-partijiet flimkien. Għaldaqstant, meta l-esponenti għaddew is-somma komplessiva ta' mija u ħdax-il elf Ewro (€111,000) u ma ħadu xejn tagħhom, tali frodi sar bil-kompliċita' ta' Brian Gatt illi ntroduċa l-partijiet flimkien u għen sabiex dik li suppost kellha tkun transazzjoni ta' negozji ssir u tiġi kkonvertita fi frodi. Minn eżami *prima facie*, m'hemmx dubju illi jirriżulta illi s-sekwestranti għandhom bażi ta' pretensjoni, u cioe s-somma illi ġiet ffrodata lilhom bl-għajnuna tar-rikorrent. In oltre ma jistax jintqal illi l-ammont sekwestrat huwa eċċessiv, għaliex dan l-ammont jaqbel eżatt mal-ammont li s-sekwestranti ħallsu;

    b. Fir-rigward tar-raġuni għal revoka ai termini tal-**Art 836(1)(b)** tal-Kap 12: Brian Gatt la ġab prova illi l-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawteolatorju huma nieqsa, u lanqas ġab prova ta' xi bidla fiċ-ċirkostanzi minn meta nħareġ l-att kawtelatorju għal meta ġie ntavolat ir-rikors odjern;

    c. Fir-rigward tar-raġuni għal revoka ai termini tal-**Art 836(1)(f)** tal-Kap 12: Brian Gatt ma ġab l-ebda prova illi kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi illi wasslu għall-fatt li m'għadux raġonevoli illi l-mandat jinżamm fis-seħħ, jew illi m'għadux meħtieġ jew ġustifikabbli;

12. F'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' penali, is-sekwestranti sostnew illi l-mandat de quo sar minnhom sabiex jikkawtelaw it-talba tagħhom magħmula minnhom fir-rikors ġuramentat intavolat minnhom stess, u għalhekk ma jistax jintqal

illi l-mandat huwa wieħed frivolu u sar in male fede. Ir-rekwiżiti li teħtieġ il-liġi sabiex il-Qorti tkun tista' timponi multa fuq ir-rikorrenti ma jissussistux, u għalhekk it-talba ta' Gatt ma tistax tintlaqa' fil-konfront tas-sekwestranti;

13. Finalment, f'dak illi jirrigwarda t-talba għal garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12, is-sekwestranti sostnew illi Gatt ma ġab l-ebda prova illi huwa qiegħed iġarrab danni u interess ta' natura kwantifikabbli. Għaldaqstant, din it-talba għandha wkoll tiġi miċħuda.

**Il-Qorti**

14. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati;

15. Wara illi reġgħet rat id-digriet tagħha tal-ħdax (11) t'Awwissu 2021;

16. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka Parzjali tal-Mandat *In Vigore***

17. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(b), 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap 12;

18. L-artikolu 836(1) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"**għal xi waħda** minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin"*[3], b'dana illi r-raġunijiet għar-revoka ta' att kawtelatorju elenkati fl-istess artikolu għandhom jiġu interpretati bħala raġunijiet <u>alternattivi</u>, u <u>mhux kumulattivi</u>. Isegwi għalhlekk illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat anke fil-każ illi tissussisti raġuni waħda biss minn dawk kollha elenkati fl-art 836(1);

19. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mill-provvedimenti tal-liġi msemmija fit-talba tar-rikorrenti separatament:

[3] Emfasi tal-Qorti

**(A) <u>Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12</u>**

20. L-art 836(1)(b) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat fil-każ illi, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*. Huwa formulat għalhekk dan il-provvediment tal-liġi minn żewġ elementi: (a) il-fatt illi l-<u>ħtiġijiet tal-liġi</u> għall-ħruġ tal-att kawtelatorju jkunu jissussistu meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat effettivament tintlaqa', u (b) <u>bidla fiċ-ċirkostanzi</u> minn meta tkun intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-att kawtelatorju sa meta ssir it-talba għar-revoka, b'dana illi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha teżisti.

21. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et***[4], b'referenza għal dak illi ntqal fid-digriet fl-ismijiet ***Mangion Galea vs Stewart***:

> *Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilita' tal-persuna li tkun talbitu.*
>
> *[...]*
>
> *Fi kliem dik id-disposizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-*

[4] Rik Nru 985/2020 fl-atti tal-Mandat Nru 1397/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 11 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

*paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li l-mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ.*

22. Fil-każ odjern, ħarsa lejn **Dok A** anness mar-rikors ġuramentat anness mar-risposta tas-sekwestranti għar-rikors odjern turi illi s-sekwestranti indikaw fil-mandat tagħhom l-istess ammont illi indikaw fir-rikors ġuramentat, u cioe s-somma ta' €111,000. Għalkemm ma nġabet ebda prova dwar jekk effettivament din hijiex is-somma illi tħallset mis-sekwestranti jew le, stante illi dan huwa punt illi eventwalment jiġi diskuss fil-kawża fil-mertu, mill-atti preżentati jidher illi s-sekwestranti kienu dejjem konsistenti fil-pretensjoni tagħhom, għaliex hija saħansitra din l-istess somma illi ġiet indikata fir-risposta tas-sekwestranti għall-mandat odjern. In oltre, is-sekwestranti indikaw b'mod ċar ħafna fuq il-mandat ta' sekwestru l-oriġini u x-xorta tad-debitu minnhom pretiż, u fih ukoll indikazzjoni ċara tal-fatt illi l-kontenut tal-mandat ġie maħluf. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju odjern kienu jissussistu kollha fil-mument illi fih intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-istess mandat;

23. In oltre, imbagħad, hekk kif isostnu tajjeb is-sekwestranti fir-risposta tagħhom, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi noe vs Jebmed SRL***[5]:

*Din id-disposizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;*

[5] Mandat Nru 964/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Settembru 2019, Onor Imħ Joseph R Micallef

Dak illi jrid jiġi eżaminat minn din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk il-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru odjern baqgħux jeżistu saħansitra anke wara l-ħruġ tal-istess mandat, jew kienx hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi b'dana illi xi waħda mill-ħtiġijiet sfat nieqsa;

24. Jingħad illi fil-każ in eżami ma nġabet l-ebda prova mir-rikorrent Brian Gatt illi ċ-ċirkostanzi, b'xi mod, inbidlu min meta ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern sad-data tal-preżentata tar-rikors odjern. Il-pretensjoni tas-sekwestranti baqgħet kostanti, kif jixhed il-fatt illi intavolaw ukoll kawża fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) fl-ismijiet ***Raymond Azzopardi et vs Raymond Mifsud et*** (Rik Ġur Nru 66/2021 SG), illi fiha huwa wkoll parti s-sekwestrat Brian Gatt, u l-fatt illi t-talba fl-istess kawża hija bbażata fuq l-istess pretensjonijiet illi fuqhom ġie bbażat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern. Il-Qorti mhix qegħda, għalhekk tara raġuni għalfejn il-mandat odjern għandu jiġi parzjalment revokat ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12;

25. Għaldaqstant il-Qorti **tiddikjara illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka sħiħa jew parzjali tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**;

### (B) Artikolu 836(1)(d)

26. L-Artikoli 836(1)(d) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

27. Din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet fl-ismijiet ***Johan Huy pro et noe vs Mark Attard***[6], spjegat:

> *20. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta'*

[6] Rik Nru 656/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 21 ta' Lulju 2021

*kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jinforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat. Fi kliem ħafif, il-mandati kawtelatorju qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża, id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill-kawża (ara* ***Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;*

28. Tajjeb illi jiġi wkoll imfakkar illi l-istħarriġ illi tagħmel il-Qorti f'rikors bħal dak odjern huwa pjuttost limitat, u d-deċiżjoni illi tieħu l-Qorti f'dan l-istadju m'għandux jiġi interpretat bħala ġudizzju ta' kwalsiasi xorta dwar il-mertu tal-kawża. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'digriet fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited***[7]:

*"Tqis illi Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu qegħda tistrieħ is-sekwestrata fit-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat, huwa msejjes fuq eżami prima facie li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le jew huwiex eċċessiv:*

*[...]*

*Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami*

[7] Ċit Nru 1183/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t'April 2015. Ara wkoll ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta' Mejju 2021

*tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża* ***"Camilleri vs Govè et"*** *deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:*

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

*Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat wara l-aċċertament prima facie li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond, u dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn.*

29. Sabiex, imbagħad, jitħassar mandat ai termini tal-art 836(1)(d) tal-Kap. 12, ġie senjalat fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited***[8]:

> *Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;*
>
> *Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat;*

30. Fir-rikors tiegħu, is-sekwestrat Brian Gatt bażikament itenni raġuni waħda bħala dik illi a bażi tagħha għandu jiġi revokat fil-konfront tiegħu l-mandat odjern, u cioe illi huwa ma kienx b'xi mod jew ieħor involut f'xi frodi jew

[8] Rik Nru 688/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 10 t'Awwissu 2012

negozjati b'rabta ma' xiri ta' baqar, kif qed jikkontendu s-sekwestranti. Il-Qorti qegħda għalhekk tieħu l-impressjoni illi hija din ir-raġuni illi a bażi tagħha Brian Gatt qiegħed isostni illi l-mandat odjern fil-konfront tiegħu mhux ġustifikat;

31. Minn dak illi tista' tikkonstata l-Qorti fuq bażi *prima facie*, jirriżulta illi, effettivament, Brian Gatt kellu xi forma ta' involviment fin-negozjati b'rabta ma' xiri ta' baqar. In-natura u d-daqs tal-involviment tiegħu, u jekk kienx hemm xi element ta' frodi jew le, jirrikjedu indaġini illi tmur oltre l-mansjoni illi għandha quddiemha din il-Qorti, liema indaġini għandha ssir fil-kawża dwar il-mertu. Madanakollu, il-messaġġi esebiti bħala **Dok A** mar-risposta tas-sekwestrati jikkonfermaw illi Brian Gatt kellu xi forma ta' involviment, kuntrarjament għal dak minnu sostnut fir-rikors tiegħu. F'dawn il-messaġġi, Brian Gatt jitkellem fl-ewwel persuna fil-plural, u juża l-pronom *"aħna"*. In oltre, jindika wkoll illi kien qiegħed saħansitra jieħu l-inkarigu jitkellem mal-Awtoritajiet konċernati rigward il-konsenja tal-baqar in kwestjoni. Issa jekk effettivament Brian Gatt kellux xi interess personali u/jew finanzjarju riżultanti minn dan in-negozju, ma jaqax fil-parametri tal-eżerċizzju illi għandha tagħmel din il-Qorti għall-fini ta' dan ir-rikors; iżda l-Qorti ma tistax b'koxjenza trankwilla tikkonkludi illi s-sekwestranti, minn dak illi tista' tikkonstata *prima facie*, m'għandhom assolutament l-ebda pretensjoni fir-rigward ta' Brian Gatt, u/jew illi l-pretensjoni tas-sekwestranti hija bla bażi;

32. F'dak illi jirrigwarda l-eċċessivita' tal-ammont pretiż, il-Qorti tinnota illi, hekk kif diġa' ġie rimarkat aktar 'il fuq, il-pretensjoni tas-sekwestranti baqgħet konsistenti tul il-proċeduri kollha illi ġew intavolati s'issa. Għaldaqstant, fi stadju fejn, fuq bażi *prima facie* jirriżultalha illi r-rikorrent kellu xi forma ta' involviment, iżda mhux talli ma nġabet l-ebda prova dwar id-daqs u n-natura tal-involviment illi kellu fl-istess negozjati Brian Gatt, iżda talli l-istess Brian Gatt innega illi kellu xi forma ta' involviment meta effettivament jidher mad-daqqa t'għajn illi kien qiegħed imexxi t-trattattivi hu stess, il-Qorti lanqas hija f'pożizzjoni illi tikkonsidra illi l-ammont sekwestrat jiġi ridott. Dan stante illi kwalsiasi tnaqqis arbitrarju mill-Qorti tal-ammont

sekwestrat, jista' faċilment iwassal sabiex l-interessi tas-sekwestranti jiġu preġudikati;

33. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, huwa *prima faċie* ġustifikat u mhux eċċessiv. Konsegwentement, il-Qorti **tiddikjara illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12**.

## (C) Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12

34. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

35. Hekk kif tajjeb jissenjalaw is-sekwestranti, taħt l-Artikolu 836(1)(f), bħal fil-każ tal-Artikolu 836(1)(b), jeħtieġ illi tissussisti bidla fiċ-ċirkostanzi illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[9]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* ***Spiteri vs Darmanin*** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*
>
> > *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun*

[9] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

*tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*

*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* **Jamar Malta Limited vs Office Group Limited***, saru dawn ir-rilievi:*

*"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju*

*2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[10]

36. Hekk kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, fil-każ in eżami ma nġabet l-ebda prova illi ċ-ċirkostanzi nbiddlu wara d-data tal-ħruġ tal-mandat. Ir-rikorrenti isostni illi l-pretensjoni tas-sekwestranti hija waħda mingħajr bażi fil-konfront tiegħu, u jsostni illi mhix ġustifikata; madanakollu, huwa jonqos milli jġib prova illi minn meta nħareġ il-mandat, seħħew xi ċirkostanzi illi llum il-ġurnata jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli. Mill-banda l-oħra, is-sekwestranti jressqu prova ċara tal-bażi għall-pretensjoni tagħhom fil-konfront ta' Brian Gatt, b'dana illi l-Qorti hija sodisfatta illi l-pretensjoni tas-sekwestranti hija *prima facie* ġustifikata, saħansitra anke fil-konfront tar-rikorrent;

37. Għaldaqstant, **<u>lanqas jirriżulta lil din il-Qorti illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12</u>**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Ħlas ta' Penali u Danni**

38. Ir-rikorrent qiegħed jitlob ħlas ta' penali ai termini tal-Artikoli 836(8)(b) u/jew (d), u likwidazzjoni u ħlas ta' danni ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kap.12;

[10] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

39. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut***[11]:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXVI.I.405**). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

40. In oltre, fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited*** suċitat, il-Qorti kompliet telabora dwar il-penali kif isegwi:

> *Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.*

[11] Mandat Nru 1408/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 2 ta' Lulju 2020

*Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*[12]

41. Fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob illi jiġu imposti penali fuq żewġ ċirkostanzi minn erbgħa, u cioe:

(a) *"jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' biżżejjed"* – Art 836(8)(b);

(b) *"jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja"* – Art 836(8)(d);

42. Il-Qorti tibda billi tinnota illi, minkejja illi r-rikorrent jagħmel it-talba sabiex jiġu imposti penali, u għalkemm jindika l-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12 bħala l-bażi illi fuqhom qed jagħmel l-istess talba, huwa jonqos milli jelabora dwar din it-talba billi jittratta l-istess punt;

43. Mill-kuntest tar-rikors odjern, il-Qorti tasal tiddeduċi illi r-raġuni għalfejn qed issir din it-talba hija motivata mill-argument tiegħu illi l-mandat odjern ma kienx ġustifikat fil-konfront tiegħu, u sar in *male fede*. Madanakollu, il-Qorti,

[12] Ara wkoll: ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et*** (suċitata); ***Joseph Tabone vs Capece Construction Limited***, Rik Nru 67/2013 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1595/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 14 t'Aww'ssu 2013

hekk kif spjegat diġa' aktar 'il fuq, mhix tal-fehma illi l-mandat odjern ma kienx ġustifikat. Lanqas hi tal-fehma illi sar in *male fede*. *Prima facie* jidher illi s-sekwestranti għandhom pretensjoni, u illi r-rikorrent kellu parti fit-trattattivi illi wasslu għall-istess pretensjoni. Jekk effettivament ir-rikorrent għandux jirrispondi għal xi forma ta' frodi (kif qed jiġi allegat mis-sekwestranti) jew le, huwa punt illi għandu jiġi eżaminat fil-kawża dwar il-mertu, iżda l-Qorti hija sodisfatta illi s-sekwestranti ma kinux qed jabbużaw mill-istitut tal-mandati kawtelatorji meta talbu illi jinħareġ il-mandat odjern;

44. In oltre, f'dak li jirrigwarda danni lir-rikorrent, il-Qorti tinnota illi, l-istess bħal fil-każ ta' penali, ir-rikorrent, filwaqt illi għamel it-talba, naqas milli jġib prova tad-danni illi huwa allegatament sofra bil-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru odjern. Konsegwentement, il-Qorti mhix sodisfatta illi effettivament sofra xi forma ta' danni, għajr l-inkonvenjenza illi ssegwi b'mod awtomatiku mill-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju;

45. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **<u>ma tirriskontra ebda ċirkostanzi li trid il-liġi li jistgħu jiġġustifikaw l-imposizzjoni tal-penali fuq is-sekwestranti, u/jew likwidazzjoni u ħlas ta' danni lir-rikorrent Brian Gatt</u>**;

**Kunsiderazzjonijiet dwar Garanzija għall-Ħlas ta' Penali u Danni**

46. Ir-rikorrent qed jitlob ukoll għall-imposizzjoni ta' garanzija xieraq fuq is-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12. Fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi vs Jebmed Srl*** suċitat, din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat:

> *[I]l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-*

*artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*

*Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni;*

*Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;*

47. Il-Qorti, wara li qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, tikkonkludi illi r-rikorrent ma rnexxilux iġib prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija. Għaldaqstant, il-Qorti lanqas hija tal-fehma illi għandha tiġi imposta garanzija fuq is-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12;

**Decide**

48. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad it-talbiet kollha</u>** tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri kontra r-rikorrent Brian Gatt.

**Digriet kamerali mogħti llum, sebgha u ghoxrin (27) ta’ Settembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**